# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

## 29, TRIQ IL-PARROCCA, L-IMQABBA MQB 1512

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru mija (100) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 25 ta' Ġunju 2012, fil-Bini Amministrattiv tal-KLM tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | | |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Il-laqgħa li kienet ippreseduta mis-sindku bdiet fit-8:10pm, flok fis-6:30pm. Minħabba dan id-dewmien Nicholas Briffa, qed jitqies bħala skużat għax kellu jitlaq kmieni. Dan minkejja li s-segretarju eżekuttiv kellem lis-sindku fil-preżenza tal-kunsillieri l-oħra fuq it-telefon li ħaseb li l-laqgħa kienet se tinżamm fil-ġurnata ta' wara. Is-sindku seta' jattendi wara t-tmienja u fl-istess ħin infetħu l-offerti pubbliċi. Dwar in-nuqqas ta' preżenza tad-deputat sindku, is-sindku qal li dan qed ikun skużat minħabba li għandu ħafna xogħol x'jagħmel. Qabel ma telaq, il-Kunsillier Nicholas Briffa qal lis-segretarju eżekuttiv illi ma kellux domandi x'jagħmel u lanqas oġġezzjonijiet għar-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart li matul is-seduta kien approvat unanimament mill-kunsillieri preżenti u se jiġi mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ppubblikat fis-sit elettroniku tal-KLM.

2. Sadanittant kien stabbilit illi kien hemm offerta waħda għat-tindif tal-uffiċċju, oħra għat-tindif u ż-żamma tal-latrina pubblika fi Triq Karmenu Ciantar, oħra għall-istampar ta' *brochure* li l-KLM kien ippropona fl-applikazzjoni tal-*EARDF* ta' Miżura 313, tal-Aġenzija tal-Pagamenti, l-ebda offerta għal xiri ta' van *second hand* minkejja li din l-offerta nxtrat minn żewġ *bidders* prospettivi, u sitt offerti għal dik tal-knis tat-toroq.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati u ffirmati wara li sarulhom ħafna korrezzjonijiet mill-kunsillieri preżenti skond kif inhuma mmarkati fuq il-kopja oriġinali u inizjalati mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv.

Punti mill-Minuti.

4. Fir-rigward tal-istatwa ta' Santa Marija tal-ħaġar proposta fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, kien hemm diversi kummenti dwar l-assunzjonijiet tal-perit li kienu rreġistrati fl-aħħar laqgħa waqt li hu kien fostna.

5. Is-sindku ġab għad-diskussjoni ittra li kienet indirizzata lilu mill-President tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju (SMMTĠ) li kienet imwassla bl-idejn fil-kaxxa tal-ittri datata 30 ta' Mejju, 2012. Għaldaqstant din qatt ma nfetħet kemm mis-segretarju eżekuttiv kif ukoll mill-impjegati. Meta mbgħad is-segretarju eżekuttiv kien mistoqsi biex jagħti *acknowledgement* lis-SMMTĠ mis-Segretarju Michael Ghigo, dan fittex fil-kmamar tal-uffiċini kollha, ma sabhiex u staqsih għal kopja elettronika filwaqt li rrisponda lis-SMMTĠ illi l-impjegati għandhom struzzjonijiet sabiex jiftħu biss ittri indirizzati lis-segretarju eżekuttiv u mhux lis-sindku. Noel Galea ikkonferma li din l-ittra ġiet mingħajr bolla għaliex intefgħet fil-kaxxa tal-ittri tal-KLM. Is-segretarju eżekuttiv qal illi mal-mument li dokument jiġi diskuss f'seduta tal-KLM, dan isir pubbliku.

6. Is-sindku qal illi kull meta jirċievi ittri ndirizzati lilu biss, dejjem kienet deċiżjoni tiegħu kif jirreaġixxi għalihom. Din l-ittra msemmija hija każ simili li huwa rċieva direttament mill-President tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Hu kompla li meta rċeviha, li kien propju jumejn wara li delegazzjoni mill-istess soċjetà attendiet għal riċeviment mogħti mill-kunsill lokali qabel il-festa, meta ra l-kontenut tagħha u qablu mad-diskussjoni akuta li tqajjmet waqt l-istess riċeviment, u meta l-ittra kienet iffirmata mill-president tas-soċjetà, ħaġa li mhux formalment issir, ikkonkluda li din setgħet kienet estenzjoni tal-punti li tqajmu waqt ir-riċeviment, iżda *da parti* tal-president lejh bħala

sindku. Għalhekk id-deċiżjoni tiegħu ħadha li meta jkun il-waqt wara l-Festa tal-Madonna tal-Ġilju, jagħmel il-pożizzjoni tiegħu *vis-a-vis* l-ittra personalment mal-president direttament.

Hu kompla li dan għamlu bl-ikbar responsabbiltà għax ħass li l-kontenut tal-ittra jista' jwaqqa' jew ixekkel il-ħafna snin ta' sforzi biex tittejjeb dejjem iktar l-armonijja bejn iż-żewġ soċjetajiet tal-banda li għandna fl-Imqabba. Is-sindku żied li ma ried qatt li kliem miktub fl-ittra, li seta' nkiteb sforz pressjonijiet żejda jew mhux kalkulati, jiġi esponunt meta seta' jiġi diskuss bil-kalma.

Is-sindku kompla li meta l-kunsill irċieva talba għal *acknowledgement* mis-Segretarju tas-Soċjetà, is-Sur Michael Ghigo, għall-ittra msemmijja, deher li l-ittra kellha l-appoġġ ta' kumitat sħiħ tal-istess soċjetà. B'dan ir-rikjest, u issa li sar direttament lis-segretarju tal-kunsill, is-sindku ma kellux alternattiva oħra għajr li jpoġġi l-istess ittra fuq il-mejda tal-kunsill għall-attenzjoni pubblika, bil-konsegwenzi kollha li tista' ġġib magħha. B'riferenza għall-kontenut tal-ittra, b'mod kategoriku, is-sindku ċaħad l-allegazzjonijiet kollha li hemm miktuba fl-ittra. Dan kien għamlu waqt ir-riċeviment meta mingħajr avviżi ġew allegati, u qed jerġa' jirrepetieh illum hekk li jiġi miktub fil-minuti tal-laqgħa, fosthom li quddiemu ġiet xi talba biex hu jagħti permess lil xi ħadd biex titpoġġa statwa fil-konfini tal-Imqabba. Anzi intqal illi l-KLM għandu jinqata' barra minn proġetti bħal dawn.

7. Is-sindku u l-kunsillieri preżenti awtorizzaw lis-segretarju eżekuttiv sabiex jibgħat *Get Well Soon Card* lill-Kappillan Dun Nazzaren Caruana li bħal issa jinsab rikoverat fid-dar tal-kleru. Postu ħadu temporanjament Dun Frans Abdilla Intant se nagħmlu ħilitna sabiex dwar il-proġett ta' *WI FI* fil-Pjazza tal-Knisja u ħdejn il-ġnien f'Misraħ Missjoni ż-Żgħira, immexxu bil-kwotazzjoni li ħadna u li kienet approvata aktar tard tul is-seduta fil-*payment approval sheet* tal-kumpanija *LA Marketing*, kemm-il darba l-Knisja tipprovdi faċilità li jitpoġġa *aerial* fuq il-bejt tal-uffiċċju tal-kappillan li jkun qed jara *aerial* ieħor fuq il-bini tas-sede tal-KLM. Id-direttur ta' din il-kumpanija aċċertana li minn fuq il-bejt tal-Knisja, bi tliet *access points* f'postijiet strateġiċi fil-Pjazza tal-Knisja, se jkun hemm *connection* tajba għall-*mobiles internet.*

8. Dwar ix-xogħlijiet li qed isiru preżentement, is-sindku qal li komplejna bix-xogħol u hemm parti ta' triq fejn irid isir il-*culvert* fejn hemm ħajt ta' għalqa li jaf ikun hemm bżonn jaqa' temporanjament biex noħorġu b'dan l-istess *culvert* minn taħt l-istess ħajt.

9. Dwar il-*barrier* fi Triq tas-Sejba, is-sindku qal li din bidilha l-kuntrattur tagħna nhar is-Sibt 23 ta' Ġunju, 2012 u reġgħet tħalliet fetħa biex minnha joħorġu minn bankina għall-oħra, n-nies li jkunu mexjin fuq l-istess bankina. Dan sar faċċata tas-*sub station* filwaqt li s-segretarju eżekuttiv qed jieħu ħsieb li tinbidel dik li kienet milquta ftit tal-ġimgħat ilu aktar lejn il-Mentna wara li dan mar ġabar rapport ta' kollużjoni mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq.

10. Is-sindku nsista li mal-arblu l-ġdid tal-bandiera li jinsab issa mwaħħal mill-ġdid fil-bidu tal-Imqabba għad fadal iċ-ċagħaq li kien wiegħed l-istess kuntrattur *Globetech* sabiex jiddawwar mas-sieq tal-arblu u jostor il-pedestall li fuqu dan jinsab imwaħħal.

11. Noel Galea fakkar lill-kunsillieri sabiex iħejju l-messaġġ fil-fuljett tal-kunsill fil-ħarġa li jmiss li joħroġ fil-bidu ta' Awwissu.

12. Paul Spiteri insista wkoll fuq il-*parking bays* li jerġgħu isiru kif kienu fi Triq Santa Katerina.

13. Illum beda x-xogħol fuq ir-*roundabout* (fil-ħamrija) fejn tħalliet biss is-siġra taċ-ċipress fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-sindku qal li issa hu maħsub illi l-kuntrattur jagħti is-*cement stabilization*, jitwaħħlu d-*diversion routes* biex il-vetturi tar-residenti jidħlu minn Triq il-Katakombi għal Triq is-Saljatura.

14. Intant ix-xogħlijiet issuktaw billi twaħħlu d-dawl fl-art u l-istess Kuntrattur *Schembri Barbros*, ħa l-mollijiet tal-*hardstone coping* madwar il-funtana waħda waħda flimkien ma' dawk tal-injam għall-bankijiet wara li nkesa kullimkien bil-*graffiato*. Is-sindku qal li hu ra s-*samples* tal-mużajk u ssuġġerixxa dak bil-kulur kważi iswed bil-griż fih flimkien ma' kulur ieħor ċar biex jitpoġġa fl-istess funtana.

15. Noel Galea qal li fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju kellu nformazzjoni li kien ser ikollna nuqqas ta' gwardjani lokali speċjalment lejlet il-festa. Dan ma seħħx wara li b'tentattiv mal-kumpaniji taż-żewġ gwardjani lokali (kemm ta' *Sterling Security* u l-*Guard and Warden*), bl-intervent tal-uffiċjal awtorizzat u r-Reġjun Nofs-in-Nhar, żidna li kien hemm bżonn. Madankollu il-kumpanija li tat l-aktar is-sehem taghha matul din il-festa kienet dik ta' *Sterling Security.* Intant l-istaġnar li kien hemm minn *coach* nhar il-festa kien dovut għal imblokk b'parkeġġ irregolari u mhux ħabta kif kien maħsub mis-segretarju eżekuttiv. Is-sindku qal li hu personali kellu jċempel liċ-ċentru tal-*Arriva Malta* għaliex dawn naqsu milli jagħrfu d-*diversion route* tal-*by-pass* ta' lejlet il-festa għalkemm ittra lilhom kienet intbagħtet fil-bidu ta' Mejju 2012. Paul Spiteri semma wkoll id-diffikultajiet bejn is-sidien tal-kabbani f'Misraħ il-Fidwa. Dawn bdew jieħdu post il-parkeġġ tar-residenti u ntqal li hu diffiċli ħafna biex jinstab bilanċ bejn dawn it-tnejn minkejja li hemm biss ħames permessi tal-kabbani tat-*toys*.

16. Minkejja li s-sindku kien diġà ordna x-xogħol, mingħajr stima, tal-ħasil tat-triq minn nugrufun tan-nar tal-art (Triq Karmenu Ciantar u Triq il-Konvoj ta' Santa Marija), u fl-istess ħin li kienet qed tinżamm il-laqgħa kien diġà qed isir ix-xogħol, Grace Marie Mallia saħqet li għandhom jinqatgħu minn fuq iċ-ċedola tal-pagamenti l-*items* dovuti lil Jason Busuttil, l-*items* ta' *Betty's Discount Store* għad-*drinks* tal-bandisti, l-*over time* fi gwardjani lokali ta' *Sterling Security* għall-assistenza fit-traffiku fil-festa, kif ukoll il-proposta tas-sindku li jpoġġi tabella li kienet se tinxtara minn *B Grima & Sons* peress li ma kienx hemm il-prezz indikat. Intant l-*items* l-oħra kollha akkumpanjati bl-ammonti f'ewros fuq iċ-ċedola numru 440 kienu approvati u ffirmati.

17. Is-segretarju eżekuttiv kien mitlub mis-sindku sabiex ilesti ittra ta' ringrazzjament lill-pulizija talli fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju irnexxielhom jinterċettaw diversi persuni f'*bar* lokali li kienu mċappsa mal-vizzju /traffikar tad-droga. Is-sindku qal li minn informazzjoni li għandu, pulizija pajżana għamlu xogħolhom tajjeb u rnexxielhom jeħilsuna minn tixrid tad-droga. L-ittra se tkun ikkupjata lill-Għassa taż-Żurrieq.

18. Ittra ta' ringrazzjament oħra li s-segretarju eżekuttiv kien imqabbad jagħmel fuq xewqa tas-sindku kienet lil persuna illi kull sena jipprovdi s-silġ b'xejn biex seta' jingħata *drink* lill-bandisti nhar il-festa.

19. Il-laqgħa aġġornat fl-10:00pm filwaqt li ma ngħatatx data għal seduta oħra peress li matul din il-laqgħa, il-kunsillieri ma kienux eżawrew l-*items* kollha tal-aġenda.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*____/ 07/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |